MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Numru. 376/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Jonathan Micallef**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Micallef, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 441282(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta' April 2010, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12.30 p.m.) gewwa 23, Triq is-Swieqi, Swieqi u/jew fil-vicinanzi:
1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Mariella Chircop St. John;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe` xatba tal-hadid u zewg bibien liema ammont ma jaccedix elf, mija u

erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) pero` jaccedi l-ammont ta' mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. Uza vjolenza sabiex igieghel lil Mariella Chircop St. John taghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel xi haga;

4. Hebb kontra l-persuna ta' Mariella Chircop St. John sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lill-imsemmija persuna jew lil haddiehor;

5. Bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor; u

6. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Rat id-dokumenti ipprezentati;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikolu 216 u l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni tal-imputat Jonathan Micallef qed issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li l-akkuzi tlieta, erbgha u sitta huma kontravenzjonali u ghalhekk assorbiti fl-ohrajn, qed tikkundannah il-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sena u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ulterjorment, il-Qorti qeghda timponi fuq l-istess imputat *protection order* taht l-Artikolu 383(1) tal-Kap. 9 u dan skont digriet hawn anness u li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------